

Didaskalija

= Kura matul żjara temporanja lura fl-Istat Membru kompetenti

= Istituzzjoni kompetenti għal awtorizzazzjoni/rimborż minn Qabel fil-każ ta' kura tas-saħħa transkonfinali

Glossarju u Kwalifiki:

| | |
|---|---|
| Kamp ta' applikazzjoni personali | |
| 1 Persuna assicurata | Il-ġerarkija tad-deċiżjonijiet hija applikabbli biss għal impjegati jew haċċiem li jaħdmu għal rashom (attivi jew irtirati) u l-membri tal-familja tagħhom, li jirrisjedu fi Stat Membru* tal-UE/taż-ŻEE jew fl-Iżvizzera* u li huma soġġetti għal-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà soċjali ta' wieheċ jew aktar minn dawn l-Istati. L-istess japplika għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-membri tal-familja tagħhom, li jirrisjedu legalment fi Stat Membru tal-UE/taż-ŻEE* jew fl-Iżvizzera*. (! Fil-każ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu fid-Danimarka, fl-Iżlanda, fil-Liechtenstein, fin-Norveġja jew fl-Iżvizzera tapplika biss il-figura 3) |
| 2 L-Unjoni Ewropea (UE) | It-28 pajjiż li ġejjin huma membri tal-Unjoni Ewropea (UE): <i>L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja, u r-Renju Unit.</i> |
| 3 Iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) | Iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) tinkludi, minbarra t-28 Stat Membru tal-UE, l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja |
| 4 L-Iżvizzera | Peress li r-rotta tad-Direttiva 2011/24/UE* teskludi lill-Iżvizzera, skont id-dritt tal-Unjoni, iċ-ċittadini Żvizzeri/ċittadini ta' pajjiżi terzi (ċittadini barra mill-UE/miż-ŻEE) li jirrisjedu fl-Iżvizzera jistgħu jgawdu biss mill-kura tas-saħħa transkonfinali skont ir-Regolamenti dwar is-Sigurtà Soċjali (KE) 883/2004 u 987/2009. L-istess japplika għaċ-ċittadini tal-UE/taż-ŻEE/ċittadini ta' pajjiżi terzi li jixtiequ jirċievu kura transkonfinali fl-Iżvizzera. (! Fil-każ tal-Iżvizzera, il-fig. 2 biss tapplika). |
| 5 Ċittadini ta' pajjiżi terzi | Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi (ċittadini barra mill-UE/miż-ŻEE) li jirrisjedu fid-Danimarka, fl-Iżlanda, fil-Liechtenstein, fin-Norveġja jew fl-Iżvizzera, huma esklużi mir-Regolamenti dwar is-Sigurtà Soċjali (KE) 883/2004 u 987/2009* (! Fil-każ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fid-Danimarka, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja jew l-Iżvizzera, il-fig. 3 biss tapplika) |
| Id-dritt tal-Unjoni | |
| 6 Ir-Regolamenti dwar is-Sigurtà Soċjali (KE) 883/2004 u 987/2009 | - Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali Ir-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jstabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali |
| 7 Id-Direttiva 2011/24/KE. | Id-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali |
| 8 L-Anness III (KE) 987/2009, verżjoni konsolidata tal-11 ta' April 2017 | L-Istati Membri taħt rimborż ta' benefiċċji tal-mard bejn l-Istati Membri abbażi ta' ammonti fissi* huma: <i>L-Irlanda, Spanja, Ċipru, in-Netherlands*, il-Portugall, il-Finlandja*, l-Iżvezja u r-Renju Unit</i> (! It-taqsimiet "in-Netherlands" u "l-Finlandja" tħassru mill-1 ta' Jannar 2018: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/492 tal-21 ta' Marzu 2017) *l-annessi tar-Regolamenti jiġu riveduti fuq bażi regolari, jekk jogħġbok dejjem ikkonsulta l-aħħar verżjoni kkonsolidata |
| 9 L-Anness III tar-Regolament (KE) 883/2004, verżjoni konsolidata tal-11 ta' April 2017 | L-Istati Membri li jirrestrinġu d-drittijiet għall-membri tal-familja ta' haċċiem transkonfinali huma: <i>id-Danimarka, l-Irlanda, il-Kroazja, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit</i> *l-annessi tar-Regolamenti jiġu riveduti fuq bażi regolari, jekk jogħġbok dejjem ikkonsulta l-aħħar verżjoni kkonsolidata |
| 10 L-Anness IV tar-Regolament (KE) 883/2004, verżjoni konsolidata tal-11 ta' April 2017 | L-Istati Membri li jagħtu drittijiet ta' benefiċċju akbar lill-pensjonanti li jirritornaw lejn l-SM kompetenti għall-kura tas-saħħa huma: <i>il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franza, Ċipru, il-Lussemburgu, l-Ungerija, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, is-Slovenja u l-Iżvezja</i> *l-annessi tar-Regolamenti jiġu riveduti fuq bażi regolari, jekk jogħġbok dejjem ikkonsulta l-aħħar verżjoni kkonsolidata |
| 11 L-Anness V tar-Regolament (KE) 883/2004, | L-Istati Membri li jagħtu drittijiet ta' benefiċċju akbar lill-haċċiem transkonfinali li jirritornaw lejn l-SM tal-attività ta' xogħol preċedenti |

| | |
|--|---|
| verżjoni konsolidata tal-11 ta' April 2017 | <p>għall-kura tas-saħħa huma: <i>Il-Belġju, il-Ġermanja, Spanja, Franza, il-Lussemburgu, l-Awstrija, il-Portugall</i> (applikabbli biss jekk l-Istat Membru kompetenti responsabbli għall-ispejjeż tal-benefiċċji tal-mard pprovduti lill-ħaddiem irtirat transkonfinali fl-Istat Membru ta' residenza tiegħu huwa inkluż ukoll f'din il-lista)</p> <p>*l-annessi tar-Regolamenti jiġu riveduti fuq bażi regolari, jekk jogħġbok dejjem ikkonsulta l-aħħar verżjoni kkonsolidata</p> |
| Glossarju | |
| 12 Awtorizzazzjoni minn qabel | L-awtorizzazzjoni li l-pazjenti jeħtieġu mill-awtorità tas-servizz tas-saħħa nazzjonali/mill-fond tal-assigurazzjoni tas-saħħa nazzjonali tagħhom qabel ma jivvjaġġaw barra l-pajjiż, sabiex jiġu ggarantiti rimborż għall-kura transkonfinali |
| 13 Rimborż | Flas lura lil pazjent mis-servizz tas-saħħa nazzjonali* / mis-sistema tal-assigurazzjoni tas-saħħa nazzjonali għas-servizzi tas-saħħa koperti mill-iskema tas-sigurtà soċjali |
| 14 Formola S2 | Prova li ngħatat awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità tas-servizz tas-saħħa nazzjonali / mill-istitut tal-assigurazzjoni tas-saħħa nazzjonali tal-pazjent sabiex jingħata kura transkonfinali ppjanata, skont ir-Regolamenti dwar is-Sigurtà Soċjali (KE) 883/2004 u 987/2009 (il-formola E112 qadima) |
| 15 Ħaddiem transkonfinali | Ħaddiem transkonfinali huwa persuna li qed issegwi attività bħala persuna impjegata jew li taħdem għal rasha fi Stat Membru u li jirrisjedi fi Stat Membru ieħor fejn jirritorna kuljum jew mill-inqas darba fil-ġimgħa (l-Artikolu 1(f) tar-Regolament (KE) Nru 833/2004) |
| 16 Stat Membru kompetenti (SM) | L-Istat Membru li skont is-sistema tas-sigurtà soċjali tiegħu l-pazjent ikkonċernat ikun assigurat fil-mument tal-kura transkonfinali, jew li f'isem is-sistema tas-sigurtà soċjali tiegħu il-pazjent ikkonċernat ikun assigurat fil-mument tal-kura transkonfinali |
| 17 Stat Membru b'mekkaniżmu ta' kumpens bejn l-Istati Membri abbażi ta' ammonti fissi (SM b'ammonti fissi) | Ir-Regolamenti dwar is-Sigurtà Soċjali jitrattaw ukoll il-konsegwenzi finanzjarji għall-Istati Membri li jipprovdu servizzi tas-saħħa lil persuna li tkun intitolata għal benefiċċji tal-mard f'isem Stat Membru ieħor (eż. l-Istat Membru tal-attività tax-xogħol preċedenti). L-ispejjeż imġarrba mill-Istat Membru taż-żjara jew tar-residenza għandhom jiġhallsu lura mill-istituzzjoni tal-Istat fejn tkun assigurata l-persuna. Ir-rimborżi jiġu ddeterminati abbażi tan-nefqa attwali (l-ispejjeż attwali) jew abbażi ta' ammonti fissi. |